**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birzebbuga**

## Laqgħa Nru. 25-07/2016

Data: 23 t'Awwissu 2016

Hin: 5.30pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Birzebbuga

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Kevin Barun (KB) | – *Sindku* |
| | Joe Cutajar (JC) | – *Viċi Sindku* |
| | Joe Baldacchino (JB) | - *Kunsillier* |
| | Josette Busuttil (JBD) | - *Kunsillier* |
| | Herman Schiavone (HS) | - *Kunsillier* |
| | Stanley Zammit (SZ) | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | –*Segretarju Eżekuttiv* |
| | Amanda Vella | - Ambaxxatriċi Lokali taż-żagħżagħ |
| Skużati: | Leanne Grech (LG) | - *Kunsillier* |
| Assenti: | Nil | |
| Pubbliku | 2 | |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza
5. Mistoqsijiet lis-Sindku;
6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;

7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;
9. Offerti Pubbliċi
10. Proġetti
11. Traffiku u parkeġġ
12. Indafa u Ambjent
13. Ġonna, Parks u Soft areas
14. Utilitajiet u Servizzi
15. Infrastruttura
16. Attivitajiet
17. Bye-laws
18. Materji Oħra
19. Aġġornament.

**Minuti - 20-07/2016**

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku KB ressaq il-minuti tat-tlieta u għoxrin (23) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.1.1. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 2.9.3 u talab li titneħħa l-kelma "fl-aħħar". Il-Kunsill qabel nem con.

1.1.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 7.5.1, u talab li jiżdied il-kliem "kif qed titlob id-direttiva tad-dipartiment, meta fil-verità' il-Kunsill jista' jilħaq l-istess għan iżda b'modi diversi". Il-Kunsill qabel nem con

1.1.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 10.1.1, hu talab li tiżdied il-kelma "it-triq" wara il-kelma "hu". Il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.4. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera JBD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur - 5 (SZ, JBD, KB, JB, HS)
Kontra - 0
Astensjonijiet – 1 (JC)

1.1.5. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku KB u mis-Segretarju Eżekuttiv SF.

1.2. Is-Sindku KB ressaq il-minuti tal-erbgħa u għoxrin (24) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.2.1. Is-Sindku KB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera JBD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.2. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur - 5 (SZ, JBD, KB, JB, HS)
Kontra - 0
Astensjonijiet – 1 (JC)

1.2.2. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku KB u mis-Segretarju Eżekuttiv SF.

# 2. Punti Imqajjma mill-Minuti

2.1. Is-Sindku talab li jitqajmu punti mill-minuti ta laqgħa numru tlieta u għoxrin

2.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 2.9.4 u staqsa jekk sarx ir-rapport fuq Triq Żaren Dalli, sabiex jiġi determinat l-istat attwali tat-triq.

2.2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kif appena jiġi konkluż il-proċess ta evalwazzjoni tat-tender tal-asfaltar, dan jista' jkun lest.

2.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 2.4, li tirrigwarda il-pont tal-*lighthouse* tal-Bajja s-Sabiħa.

2.3.1. Is-Sindku KB informa li intbagħtet korrispondenza lil Transport Malta fuq dan il-każ. Madankollu nel frattemp għad hemm il-problema tal-ilma qiegħed. Huwa irrimarka li fi tmiem il-ġimgħa huwa anke għamel kuntatt ma kuntrattur sabiex jiġbed dan l-ilma, iżda ġie infurmat mil-Kuntrattur li tali servizz, jista' jagħmel ħsara lil makkinarju, peress li hemm ramel involut.

2.3.2. Il-Kunsill iddiskuta diversi alternattivi, fosthom li jitneħħa l-pont, li jsiru gutters tal-ilma, u li jintefa iktar ramel fiż-żona problematika.

2.3.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandu isir rapport lil tas-santità fuq dan il-każ, biex hekk issir pressjoni fuq l-awtorità kompetenti biex jieħdu azzjoni.

2.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 4.2.1 li tirrigwarda ġemellaġġ ta bliet, b'fondi tal-Ewropa

2.4.1. Is-Sindku irrimarka li għaqda tal-banda tal-lokal, semmiet dan il-punt ukoll waqt diskors, minħabba li huma ġemellati. Madankollu saret ir-riċerka u ġie innotat li l-fondi disponibbli kienu marbutin ma numru ta kriterji li l-Kunsill primarjament għandu jara kif jista' jibbenefika minnhom. Għaldaqstant, minflok saret diskussjoni sabiex issir applikazzjoni f'Settembru, meta joħorġu applikazzjoni bi kriterji differenti.

2.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 7.5.2 li tirrigwarda is-servizz ta trasport tal-anzjani taċ-Ċentru ta matul il-jum. Huwa staqsa jekk is-servizz twaqqafx, jew inkella tnaqqasx.

2.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv SF informa li s-servizz min-naħa tal-Kunsill twaqqaf kompletament, però għad hemm dak provdut mill-istess ċentru.

2.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 7.5.4 li tirrigwarda il-kirjiet tal-garaxxijiet tal-kunsill s staqsa jekk bediex il-proċess.

2.6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li beda l-eżerċizzju beda, fejn qed jinħadmu il-figuri relevanti, u jiġi iffurmat id-dokument tal-offerta.

2.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 14.6.1 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi

2.7.1. Huwa ġie infurmat li intbagħat ir-rapport lil-Transport Malta

2.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 21.1.1 li tirrigwarda t-trasport pubbliku partikularment li jaffettwa il-Qajjenza.

2.8.1. Il-Kunsilliera JBD infurmat li mill-amministrazzjoni intbagħat ir-rapport, kif ukoll għamilt rapport hi, però ma kienx hemm risposti, u nel frattemp, ir-residenti għadhom mhux jinqdew.

2.8.2. Is-Sindku talab li jintervjeni ukoll il-Viċi Sindku, bħala l-membru tal-kunsill inkarigat mit-trasport pubbliku.

2.9. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-materja 5.3 li tirrigwarda l-littering u n-nuqqas ta ndafa. Hija irrimarkat li x-xatt mhux qed ikun nadif.

2.9.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li anke l-bins tax-xatt, qed ikunu kontinwament imfawwrin.

2.9.2. Is-Sindku KB irrimarka li saret laqgħa mad-Direttur tal-Cleansing fejn ġiet diskussa l-possibbiltà' li jibdew jitqabbdu il-pulizija, bi ħlas, biex jissorveljaw numru ta żoni. Huwa qal li d-direttorat ippropona li huma jħallsu il-maggior parti tas-somma, filwaqt li l-Kunsill li jipparteċipa iħallas €1,000, għal tlett xhur.

2.9.2.1. Il-Kunsillier HS irrimarka li l-problema xorta tibqa', minħabba li tagħmel kemm tagħmel, il-litterring xorta ikun sar.

2.9.2.2. Il-Kunsillier JB irrimarka li l-ħmieġ qiegħed kullimkien u mhux fix-xatt biss.

2.9.2.3. Is-Sindku irrimarka li fil-każ tax-xatt, qed isiru 4 rondi ta tindif kulljum.

2.9.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li hemm nuqqas ta kontenituri tal-iskart, u għaldaqstant għandhom jigu pprovduti iktar. Il-Kunsill qabel ukoll li jipparteċipa mad-direttorat tat-tindif fl-eżerċizzju ta Enforcement.

2.9.4. Is-Sindku KB talab ukoll lil Kunsillier HS sabiex jaħdem iktar fuq dan il-qasam li jaqa fir-responsabiltà' tiegħu.

2.10. Il-Kunsillier JBD għamel referenza għall-materja 19, u tkellmet dwar l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet.

2.10.1. Il-Kunsillier JBD preżentat ir-rapporti tal-ispejjeż u irrimarkat li l-attivitajiet li saru u li qed isiru mill-Kunsill dan is-sajf, kienu kollha imħallsin permezz ta sponsorships u donazzjonijiet. Hu pjanat ukoll li l-fondi li għad iridu jinġabru flimkien ma dawk mogħtija mill-Gvern Ċentrali għall-attivitajiet, ser ikopru ukoll l-ispejjeż ta l-attivitajiet sa l-aħħar ta din is-sena,

2.11. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għal materja 19.2 li titratta Jum Birżebbuġa u infurmat li din kellha tiġi posposta minħabba l-European Week of Sports li ser tinżamm proprju fil-Bajja s-Sabiħa. Hija infurmat li din issa ser issir fit-18 ta Settembru

2.11.1. Il-Kunsilliera JBD infurmat li għal dik il-ġurnata ser ikun hemm id-dħul f'Għar Dalam għal prezz ta €1 għar residenti ta Birżebbuġa

2.11.1.1. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar il-possibbiltà li jkun aċċess ukoll għal Borġ in-Nadur. Il-Kunsill qabel li ssir verifika jekk dan jistax isir.

2.11.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li din għanda issir fil-knisja, u f'każ ta diffikultà, issir l-iskola.

2.12. Is-Sindku talab li jitqajmu punti mill-minuti ta laqgħa numru erbgħa u għoxrin

2.12.1. Il-Kunsillier JB qali li wara l-laqgħa, il-Kunsillier HS kiteb artiklu, fuq gazzetta lokali, li titratta l-kontenut tal-laqgħa. Huwa żied jgħid li hu assolutament ma jaqbilx ma dak li kiteb il-Kunsillier HS meta irrefera għal numru ta kunsillieri, inkluż il-Kunsillier JB, bħala pupazz. Il-Kunsillier JB qal li huwa mhux pupazz, u lanqas qatt ma mexxa orkestri.

2.12.1.1. Is-Sindku KB qabel mal-Kunsillier JB

2.12.2. Il-Kunsillier HS irrimarka li ġiet imressqa mozzjoni partiġġjana motivata politikament, u f'għoxrin sena qatt ma saret mozzjoni kif saret.

2.12.3. Il-Kunsillier SZ qal li s-suġġett tal-laqgħa kien l-operat tal-freeport, u għaldaqstant ħaseb li kienet kontinwazzjoni fuq id-diskors li sar matul il-laqgħa preċedenti. Huwa żied jgħid li il-mozzjoni setgħet ġiet ċirkolata minn qabel, u kullħadd kien ikollu ċ-ċans jipprepara għaliha

2.12.4. Il-Kunsillier HS irrimarka li finalment kullħadd unanimu li l-freeport ma jikbirx.

# 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

3.1. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar il-kwistjoni tal-flus dovuti mill-kumitat konġunt

3.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa, li hekk kif rakkomandat mid-Direttur tal-Gvern Lokali, saret laqgħa mal-Avukat, sabiex possibbilment jiġu friżati l-kotba bankarji tal-Kumitat Konġunt. L-Avukat irrimarka li dan irid jiġi segwit b'kawża.

3.1.2. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel unanimament, li qabel ma jsir dan il-pass, tissejjaħ laqgħa mal-Ministru konċernat, li l-ewwel immorru direttament għand il-ministru. Onor Owen Bonnici, fejn b'tali talba għal laqgħa ikunu infurmati is-Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali, u d-Direttur tal-Gvern Lokali.

## 4. Korrispondenza.

4.1. Permezz ta' notifika mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar, fejn ġie innotata applikazzjoni Numru PA 493/16, liema applikazzjoni titlob għal ftuħ ta entratura ta garaxx fi Triq iż-Żebbuġ

4.1.1. Wara diskussjoni libera, Il-Kunsill qabel li joġġezzjona għal ftuħ ta' garaxx fi Triq iż-Żebbuġ minħabba li hija triq pedonali.

4.2. Permezz ta ittra mingħand is-Sur Paul Cachia, Water's Edge Malta, fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex iressaq l-ispazju allokat lilu għall-użu ta kiri ta' umbrelel u deckchairs, iktar viċin il-baħar u viċin il-propjetà tiegħu, ġaladarba il-biċċa żona allokata lilu fil-passat, kienet ġiet riabilitata, u fiha sar pavimentar.

4.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ma joġġezzjonax suġġett għal fatt li għandu kollox huwa skont il-liġi, u suġġett għal permessi l-oħra kollha neċessarji.

4.3. Permezz ta e-mail, Ċirkulari 11 2016 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, datata 11 t'Awwissu 2016, li titratta Espressjoni ta interess għall-impjieg ta persuni b'diżabilità.

4.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li japplika għal żewġ persuni, persuni biex twettaq xogħol klerikali, u persuni biex twettaq xogħol manwali, suġġett għal approvazzjoni ta tali talba mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u suġġett għal kundizzjoni li jekk il-Kunsill ma jsibx kandidat addattat, il-Kunsill ikollu d-dritt li ma jagħżel il-ħadd.

4.4. Permezz ta e-mail mis-Sinjura Graziella Busuttil, Melita PLC, fejn intalab il-permess għal tpoġġija ta Vettura f'żewġ parkeġġi fil-Bajja s-Sabiħa, sabiex issir promozzjoni tas-Servizzi tal-Kumpanija imsemmija, bejn l-4 u t-18 ta' Settembru 2016

4.4.1. Il-Kunsill innota li talba simili saret mill-Birżebbuga St. Peter's F.C

4.4.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jingħata il-permess temporanju, skont kif permissibbli bil-liġi

4.5. Permezz ta’ e-mail mil-Birżebbuġa St Peter’s F.C, fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex titpoġġa vettura tal-Melita PLC f’wesgħa Carmelo Caruana, fil-parti ta fejn tinżamm it-tombla mill-4 sat-18 ta’ Settembru 2016

4.5.1. Il-Kunsill innota li l-parti imsemmija, possibbilment mikrija lilhom u għaldaqstant, la darba mhijiex propjetà pubblika, ma hemmx bżonn ta permess, iżda ta ittra ta *no objection*.

4.5.2. Il-Kunsill qabel li ma hemmx oġġezzjoni

4.6. Permezz ta’ e-mail mis-Sur Claude D’Amato datata 6 t’Awwissu 2016, fejn talab tal-anqas żewġ sleeping policemen fi Triq San Tumas, minħabba sewqan eċċessiv.

4.6.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tali proposta tiġi ikkunsidrata iktar tard, meta l-Kunsill ikun f’pożizzjoni finanzjarja aħjar, u għaldaqstant għanda titpoġġa fil-lista lista ta xogħolijiet pendenti, inkluż dawk it-talbiet simili f’żoni oħra. Nel frattemp, il-Kunsill qabel li jsir rapport lil-pulizija.

4.7. Permezz ta’ e-mail mis-Sinjura Moira Bugeja, Saybolt Malta, fejn talbet tiswija tad-dwal u ħofor fit-triq li tagħti għal Oil Tanking terminal, kif ukoll irrimarkat dwar trejlers ipparkjati fit-triq.

4.7.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jgħaddi l-ilment tat-trejlers lil-Pulizija. Il-Kunsill qabel ukoll li d-dwal jiġu irraportati lil-Freeport, minħabba li fil-passat huma kienu jieħdu ħsiebhom.

4.7.2. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir talba formali lil Transport Malta biex din it-triq tingħaqad mat-Ten-T network u / jew taħt il-Gvern Ċentrali bħal ma sar f’Hal Far li għaddiet għand il-Malta Industrial Parks

4.8. Permezz ta’ e-ittra mingħand Tony Muscat Confectionary, għal permess ta tpoġġija ta mwejjed u siġġijiet fi Triq San Patrizju, fuq u taħt il-bankina.

4.8.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jingħata permess temporanju, skont kif permissibbli bil-liġi bil-kundizzjoni li jkunu fuq il-bankina peress li hija wiesgħa, ma jkunx ta inkonvenjent, u li ma jitħalla spazju ta mill-inqas 1.2 fuq l-istess bankina.

4.9. Permezz ta’ e-mail mis-Sur Roderick Ebejer datata 19 ta’ Lulju, u fejn ilmenti rigward nuqqas ta parkeġġ fi Triq San Pawl.

4.9.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li Sur Ebejer għandu jintalab sabiex jibgħat l-idejat u s-suġġerimenti tiegħu lil-Kunsill sabiex ikunu jistaw jiġu diskussi

4.10. Permezz ta' ittra bla data, mis-Sur Michael Fsadni, fejn talab li tinfetaħ il-wesgħa tal-Ġnien Kanonku Minuti bil-Bajja s-Sabiħa għal dak oriġinali

4.10.1. Il-Kunsillier SZ iddikjara konflitt t'interess.

4.10.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill innota li hemm riperkussjonijiet legali fuq stabbilimenti kummerċjali fil-viċin immedjat tal-post fejn suġġerit, u għalhekk it-talba tas-Sur Fsadni ma ġietx milqugħa

4.11. Permezz ta' talba verbali mill-ħanut tal-laħam fi Triq iż-Żurrieq, fejn talab għal loading / unloading parking quddiemu.

4.11.1. Il-Kunsill innota li diġà hemm approvazzjoni u spazju simili allokat fl-istess akwati.

4.11.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li possibbilment, ħwienet tal-laħam għandhom konċessjoni speċjali għal tali spazju, u għaldaqstant issuġġerixxa li ssir verifika.

4.11.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill jagħmel il-verifika imsemmija, u sussegwentement, jiddeċiedi.

4.11.4. Is-Sindku irrimarka li numru ta laqgħat ilu, il-Kunsill approva li jipproċedi b'talba ta un/loading, imressqa mill-ħanut "Tal-Ħaxix", u li l-kunsill ikkunsidra fuq bażi ta "Komunali". Huwa qal li fil-passat, applikazzjonijiet li jiġu approvati mill-kunsill fuq bażi ta numru ta ħwienet fl-akwati, qed ikunu allokati quddiem l-applikant li jkun ressaq l-ewwel talba, u konsegwentement, qed jinħolqu ċirkostanzi li l-applikant jaħseb li tkun personalizzata. Huwa irrimarka ukoll li ladarba ikun hemm spazju riservat kif imsemmi, ma tkunx tista' issir oħra fl-istess żona, u konsegwenza ta din, tista' tinħoloq diskriminazzjoni. Għaldaqstant huwa ippropona li b'effett immedjat, fejn ikun talba u approvazzjoni abbażi ta numru ta stabbilimenti fl-istess żona, fejn huwa possibli, din għanda issir f'post ċentrali li jintlaħaq mill-istabbilimenti kollha u l-istabbilimenti involuti għandhom jiġu infurmati / konsultati.

4.11.5. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel.

4.12. Permezz ta' ittra anonima u bla data allegatament miktuba min resident anonimu ta Triq il-Brolli, kif ukoll permezz ta ittra allegatament miktuba għan-nom tar-residenti ta Triq il-Brolli, datata 11 t'Awwissu, 2016

4.12.1. Il-Kunsill innota li huma anonimi u għaldaqstant ma ddiskutijomx.

4.13. Permezz ta' ittra iffirmata minn-numru ta residenti u sidien ta garaxxijiet fil-binja tal-gvern ta biswit Ġnien il-Kunsill, fejn saret referenza għal ittra tal-Kunsill li d-dwal tal-komun tal-garaxxijiet għandu jiġi pprovdut mis-sidien, u mhux mill-Kunsill. Il-firmatarji talbu li s-sistema tibqa' kif inhi ladarba il-Kunsill għandu stores tiegħu fid-daħliet.

4.13.1. Il-Kunsill innota li tali talba mhijiex konformi mal-liġi, u għaldaqstant ma tistax tiġi milqugħa

4.13.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li javviċina lil xi kumpanija li tieħu ħsieb il-kondominji, sabiex iġib informazzjoni għar-residenti, liem informazzjoni imbagħad tingħata lis-sidien tal-garaxxijiet għal informazzjoni tagħhom

## 5. Mistoqsijiet lis-Sindku

5.1. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar l-istat tal-festun ta Wied il-Buni

5.1.1. Is-Sindku informa li l-festun fih ħsara konsiderevoli, u għaldaqstant ser jinqala. Sussegwentement, skont il-ħsara li fih, jiġi determinat jekk jitranġax.

5.2. Il-Kunsillier JBD staqsiet dwar il-possibbiltà li l-Kunsill jibdel il-bozoz tal-promenade u postijiet pubbliċi, u minflok sofor isiru bojod.

5.2.1. Is-Sindku informa li dan tfisser spiża konsiderevoli, minħabba li dan jitlob li jinbidlu il-globi kolla. Madankollu ġie issuġġeriet li jiġi ivverifikat il-prezz ta globi trasparenti, u li huma iktar effiċjenti, u sussegwentement, il-Kunsill jiddeċiedi jekk dawn jibdewx jinbidlu fi stadji.

5.3. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku fejn wasal il-proċess tal-bandli *all inclusive.*

5.3.1. Is-Sindku informa li l-perit intalab modifiki fil-disinn, kif mitlub propost mill-Uffiċju tal-Onorevoli Caruana.

5.3.2. Is-Sindku informa ukoll li għaldaqstant, issa nistennew il-Bill of Of Quantities aġġornat.

5.3.3. Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-possibbiltà li jiġi miżjud il-hedging bil-pjanti. Il-Kunsill qabel li jekk ikun possibli, dan il-xogħol jiġi integrat fil-proġett tal-Urban Greening.

5.4. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill irċeviex id-dokumentazzjoni marbuta mal-proġett tal-Funtana, liema proġett għandu jsir mill-fondi tal-UIF.

5.4.1. Is-Sindku informa li għalkemm intbagħtu diversi reminder, dan id-dokument għadu ma ġiex fornut lil-Kunsill.

5.4.2. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi avviċinat il-Perit biex sir dan ix-xogħol, u jiġi indikat dan in-nuqqas da parti tiegħu.

## 6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

6.1. Is-Sindku għamel referenza għat-talba tal-Kunsillier Herman Schiavone, fejn wera x-xewqa li ma jkunx iktar parteċipi iktar bħala membru fil-Kumitat tal-Offerti.

6.2. Is-Sindku ippropona dan l-irwol lil-Kunsillier Stanley Zammit

6.3. Il-Kunsillier Stanley Zammit aċċetta l-inkarigu.

## 7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1. Is-Sindku KB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 08/16 li ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier JBD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija bir-rizultat ikun favur unanimament.

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-perit bagħat il-kont li jlaħħaq kważi €4,000 però hu kien tal-opinjoni li kien hemm ċertu xogħol li seta' kellu talba għal ħlas inqas. Huwa informa li l-perit talab li l-Kunsill id-deċiżjoni fuq it-totali tkun għad-diskrezzjoni tal-Kunsill.

7.2.1. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas ta dawk ir-rati fissi, u nel frattemp, jintlaħaq kompromess fuq x-xogħolijiet l-oħra, u sussegwentement isir il-ħlas.

7.3. Is-Sindku informa li intalbu l-kwotazzjonijiet għar pajpijiet sabiex jinħadem railings temporanju għal Wied il-Buni, il-biċċa li baqa' nieqsa. Huwa informa li fost il-kwotazzjonijiet, intalbet kwotazzjoni għar railings proprja, mingħand il-garaxx tal-gvern, li kien ipprovda ir-railings eżistenti.

7.3.1. Is-Sindku qal li l-parti kollha hija twila 90 metru, u jekk din issir b'pajpijiet komuni, tiġi tiswa madwar €1800, filwaqt li jekk jitkompla ir-railings proprju, titla għal €10,485

7.3.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li isir ir-railings, u dan għandu jsir permezz ta fondi tal-UIF sabiex isir xogħol sew li jikkumplimenta dak eżistenti.

**NB 8.30 p.m. – Il-Kunsill qabel li ssir estensjoni ta siegħa.**

7.4. Is-Sindku informa li saret laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi, fejn ġie diskuss l-andament finanzjarju tal-Kunsill. Matul din il-laqgħa, kien hemm il-qbil li ladarba il-Kunsill qed iżomm mal-pjanijiet tiegħu, filwaqt li għandu jkompli irażżan in-nefqa tiegħu, għandu jara li jibqa' jagħmel il-manutenzjoni neċessarja fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;

8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 9. Offerti Pubbliċi

9.1. Is-Sindku informa li fil-ġranet li ġejjin, ser jibdew jaslu il-kontenituri u il-pjanti relatati mal-proġett tat-tħaddir tal-lokalita.

9.2. Is-Sindku informa li l-offerti tal-asfaltar u tal-manutenzjoni ta bankini qegħdin fl-istadju tal-evalwazzjoni.

## 10. Proġetti

10.1. Ma kienx hemm materji diskussi

## 11. Traffiku u Parkeġġ

11.1. Il-Kunsillier SZ ressaq diversi proposti ta' sistemi ta immaniġġjar ta traffiku differenti, għaż-żona ta Triq il-Port Ħieles u t-toroq tal madwar.

11.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament, li tali proposti jiġu studjati iktar fid-dettall, u jitressqu fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 12. Indafa u Ambjent

12.1. Il-kunsillier HS talab sabiex ikollu skeda tal-knis u tindif fil-Lokalita.

12.2. Is-Sindku informa li saret laqgħa bejn il-Contracts Manager, Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kuntrattur tal-Knis fejn ġie diskuss kif is-servizz ser jiġi amiljorat. Huwa irrimarka li punt prinċipali diskuss kien il-fatt li l-Kuntrattur mhux dejjem ilaħħaq ix-xogħol, u għaldaqstant huwa ġie mitlub sabiex iżid is-servizz biex jintlaħqu l-obbligu tiegħu.

## 13. Ġonna, Parks u Soft Areas

13.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li s-soft area li ġiet żviluppata fi Triq il-Port Ħieles, eżattament fit-tard għada mhux kompluta. Huwa talab li l-Perit responsabbli mix-xogħolijiet tat-triq / tal-grawnd tal-futbol jiġi mitlub sabiex jikkonkludi iż-żona, kif ukoll li jitnaddaf il-materjal li tħalla fl-istess żona.

**NB: 8.47 pm – Il-Kunsillier HS talab li jkun skużat.**

13.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li hemm bżonn xi żbir fi Ġnien tal-Papa, u dan minħabba li hemm frieghi ta siġar imissu mal-globi, u jekk jagħmel il-maltemp, jispiċċaw jitkissru l-globi.

13.3. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk sarx xi żbir riċenti fil-palm tax-xatt. Huwa ġie infurmat li riċenti ma sar l-ebda żbir kif imsemmi. Huwa kien infurmat li tali żbir sar is-sena l-oħra.

## 14. Utilitajiet u Servizzi

14.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li fi Triq il-Port Ħieles sa Misraħ San Gorg (hekk kif propost li jissemma) huwa evidenti li hemm nuqqas ta dwal.

14.1.1. Huwa ippropona li ssir talba u pressjoni mal-Perit inkarigat mill-iżvilupp tat-triq li għadu kif sar, sabiex isir id-dawl neċessarju. Il-Kunsill qabel.

## 15. Infrastruttura

15.1. Il-Kunsill innota li hemm roqgħa asfaltar quddiem il-ħanut San Giorgio li bdiet nieżla / tisfronda.

15.1.1. Il-Kunsill innota li din il-parti tat-triq ilha li saret, u mhux parti mill-proġett tal-PPP.

15.1.2. Il-Kunsill qabel li jieħu ħsib il-manutenzjoni tagħha hekk kif jiġi mogħti l-Kuntratt tal-asfaltar.

## 16. Attivitajiet

16.1. Sindku KB fakkar li l-European Week of Sports ser issir fl-10 u 11 ta Settembru, fil-Bajja s-Sabiħa. Huwa żied jgħid li waqt din l-attività possibbilment ser jiġu involuti xi għaqdiet sportivi tal-lokal.

16.2. Il-Kunsillier JBD irrimarkat li ser tkun qed torganizza ħarġa għal Għawdex bil-lejl, fit-23 ta Settembru.

## 17. Bye-Laws

17.1. Is-Sindku KB talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti rendikont fuq il-Bye-Law relatata mal-Barbeques fil-lokalita'.

17.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li sar l-avviż tal-konsultazzjoni pubblika, hekk kif titlob il-liġi, u sad-data tal-għeluq tal-konsultazzjoni, ma kienx hemm kummenti riċevuti.

17.1.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva il-bye-law proposta, u talab li jitkompla il-proċess relevanti

## 18. Materji Oħra

18.1. Il-Kunsillier SZ qal li allegatament, kien hemm numru ta ħamiem selvaġġ mejjet iktar min-normal fi Triq San Filippu u Triq San Dwardu. Huwa saqsa jekk il-kunsill kienx tefa xi tip ta velenu, jew ħa xi azzjonijiet simili.

18.1.1. Is-Sindku ikkonferma li ma ttieħdet l-ebda azzjoni la kif imsemmi, u lanqas differenti.

18.2. Il-Kunsillier JB tkellem fuq l-artiklu li deher riċenti fuq il-midja, fejn allegatament, persuni qalet li ż-żejt f'ċertu postijiet fix-xatt / blat ta mal-baħar ħiereġ kaġun ta ħsara li kienet saret f'tank tal-kumpanija li kienet topera dan ix-xogħol liema ħsara allegatament din il-kumpanija ma sewwitx. Huwa qali li huwa kien tkellem mal-avukat tal-Kunsill fuq dan il-każ, sabiex possibbilment, il-Kunsill jieħu l-passi neċessarji.

18.2.1. Is-Sindku żied jgħid li huwa kien avviċinat ukoll minn avukat ieħor, fejn wera l-interess li jipparteċipa fil-każ.

18.2.2. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li jinġabu iktar dettalji.

## 19. Aġġornament tal-laqgħa

19.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għad-22 ta' Settembru 2016 fil-5.30pm. .

**Il-laqgħa intemmet fid-9.20 p.m**

[Iffirmat] [Iffirmat]

*Joseph Cutajar*
*Sindku*

*Svetlick Flores*
*Segretarju Eżekuttiv*

Data:________________